# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 5 – L-ERBGĦA 5 TA' ĠUNJU 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm persuni mill-pubbliku jattendu.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 4**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 4 ġew approvati unanimament mingħajr emendi u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 4.6, hi u s-Sindku kienu attendew għall-*Business Meeting* tat-TCTC fejn ġew mgħarrfa numru ta' korsijiet ġodda tal-kompjuters. Hija ħeġġet lill-Kunsilliera biex possibbilment jinkuraġġixxu lir-residenti japplikaw għall-korsijiet.

2.2 Fir-rigward ta' para. 4.7, is-SE infurmat li kienet bagħtet reminder lid-Dipartiment tal-VAT u infurmat ukoll lill-avukat.

2.3 Fir-rigward ta' para. 4.8, is-SE infurmat li kienet bagħtet kommunikazzjoni lir-residenti dwar is-sistema ta' *Residents Parking* hekk kif deċiż.

2.4 Is-SE infurmat li l-*business cards* kienu ġew ordnati.

2.5 Is-SE infurmat li kienet avżat kemm lill-ETC kif ukoll lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill li jimpjiega lis-Sur Alexander Caruana fuq l-iskema ta' Impjieg Inklussiv. Hija kkonfermat li din l-iskema kienet għal impjieg ta' tlett snin u l-proċedura kienet li l-Kunsill jagħmel il-ħlas u jitlob rifużjoni ta' kull xahar.

2.6 Fir-rigward ta' para. 9, il-ġita għal Sqallija, is-SE infurmat li n-numru ta' parteċipanti kien tela' għal 64.

2.7 Is-SE infurmat li r-*railing* fi Triq l-Anzjani tlesta.

2.8 Is-SE infurmat li l-kurduna msemmija f'para. 11.5 kienet ġiet irranġata.

2.9 Il-Kunsillier Fenech informa li r-residenti li joqgħodu faċċata ta' fejn twaħħal il-*bollard* fi Trejqet il-Qronfol kienu talbu *angle* tal-ħadid mal-kantuniera sabiex meta jgħaddu l-

vetturi ma jolqtux il-kantuniera tagħhom. Il-Kunsill qabel unanimament li titpoġġa *angle* tal-ħadid mal-kantuniera.

2.10 Hawnhekk skuża ruħu l-Viċi Sindku. Il-ħin kien it-8pm.

2.11 Is-Sindku informa li fil-parkeġġ ta' quddiem Binja San David kienu nbidlu n-numru ta' parkeġġi minħabba li l-pjanta oriġinali kienet inbidlet meta ġiet sottomessa lill-MEPA.

2.12 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud staqsa għaliex kienet tneħħiet il-ħamrija u tpoġġew xi ġebel fi Triq San David. Hawnhekk is-Sindku informa li l-Kunsill kellu l-opportunità li jsir xi xogħol bla ħlas bil-bobcat u għaldaqstant kienet tnaddfet parti mir-rampa li kien hemm sabiex ikun jista' jiġi kostruwit taraġ li jkompli mat-taraġ li hemm aktar 'l isfel. Il-Kunsillier Mifsud saħaq li kull kunsillier għandu jkun infurmat bix-xogħlijiet li jkunu qed isiru fil-lokalità. Is-Sindku skuża ruħu jekk kien hemm min ħass xi nuqqasijiet imma dan sar biss minħabba li ċ-ċirkostanzi ma ppermettewx mod ieħor.

2.13 Hawnhekk is-SE ikkonfermat li kienet għadha ma bagħtitx l-ittra lir-residenti ta' Triq l-Orkidea biex jiġi vverifikat jekk jaqblux li t-triq tiġi mmarkata kollha b'sinjal doppju isfar.

2.14 Is-SE infurmat li kienet inġabet kwotazzjoni għal railing għal Triq l-Imtarfa li kien se jiswa €161. Minħabba li l-Kunsill kien irċieva ittra bl-avukat mingħand iż-żewġ sidien tal-ħanut li hemm biswit, kien hemm qbil li qabel ma jinxtara l-materjal biex isir, is-SE għandha tibgħat lura risposta bl-avukat u tinfurmah bil-każ.

## 3. Kommunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku informa li kien irranġa sabiex ikun hemm għajnuna bla ħlas sabiex jitneħħa l-periklu u jsir tindif fiż-żona tal-*headquarters* ta' Baden Powell Scouts Group. Kien hemm qbil li possibbilment ix-xogħol isir bla ħlas filwaqt li l-bini tal-ħajt mill-ġdid għandu jkun ta' madwar €350, skont il-kwotazzjonijiet li nġabu. Il-Kunsillier Mifsud issuġġerixxa li s-SE tagħti dettalji eżatti lill-kuntratturi flimkien ma' ritratti.

3.2 Is-Sindku informa li kien sar xogħol ta' tindif u llivellar taż-żona ta' wara l-binja tal-Imtarfa Drama/Radio Amateurs bla ħlas u l-għada stess xi ħadd kien reġa' waddab xi mbarazz ieħor. Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li għandu jsir xi tip ta' lqugħ biex ma jsirux aktar abbużi.

3.3 Fir-rigward tal-attività tat-tberik tal-annimali, kien hemm qbil li jinbidel il-ħin mill-10am għal aktar kmieni minħabba s-sħana. Kien hemm qbil li s-SE kellha tirranġa mal-kennies sabiex jitnaddfu t-toroq fejn se jgħaddu ż-żwiemel b'mod speċjali.

3.4 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel attività konġunta mad-Dar tal-Anzjani u li tkun miftuħa wkoll għal dawk l-anzjani li joqgħodu fil-lokalità u li għandhom 'il fuq minn 60 sena. Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jonfoq aktar minn €140 għal din l-attività.

3.5 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lir-residenti kollha sabiex kull min jixtieq, jingħata l-fakultà li jkun fuq xi sottokumitat. Kien hemm qbil li għalissa se jkun hemm sottokumitat għall-attivitajiet soċjali u kulturali, żgħażagħ u anzjani u turiżmu. Kif diġà miftihem waqt laqgħa preċedenti, se jkun hemm possibbiltà li r-residenti japplikaw sabiex ikunu membri fuq bordijiet tal-aġġudikazzjoni għall-offerti pubbliċi.

3.6 Is-Sindku informa li kien hemm numru sabiħ ta' 'l fuq minn sittin persuna li ħallsu biex imorru ż-żjara għal Sqallija mal-Kunsill.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Mejju. Kopja tiegħu hija annessa.

4.2 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u s-SE.

## 5. APPROVAZZJONI TAR-RISPOSTA GĦALL-*MANAGEMENT LETTER*

5.1 Is-SE għamlet riferenza għall-kopja tar-risposta tal-*management letter* li kienet għaddiet permezz tal-*email*, li ġiet meqjusa moqrija.

5.2 Il-Kunsill approva din ir-risposta.

## 6. LAQGĦA MAS-CEO TAL-AWTORITÀ TAD-DJAR

6.1 Is-SE infurmat li aktar tard matul dik il-ġimgħa kienet se tinżamm laqgħa mas-CEO tal-Awtorità tad-Djar fejn kienu se jiġu mgħoddija diversi problemi u suġġerimenti, uħud minnhom li l-Kunsill ilu ħafna jisħaq fuqhom. Hija infurmat li kienet preparat rapport dwar dawn il-punti. Kien hemm qbil li s-SE għandha tgħaddi kopja tar-rapport lill-Kunsilliera kollha għall-informazzjoni tagħhom.

## 7. OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TA' PERIT

7.1 Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni għall-offerta tal-perit kien iltaqa' mal-offerenti kollha minbarra l-Perit Robert Grech li ma kienx issottometta l-bid bond u għaldaqstant kien ġie skwalifikat.

7.2 Fuq proposta tal-Bord, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jagħżel is-servizz tal-Periti William Lewis u Daniel Micallef minħabba li huma kienu l-*best compliant*, mod speċjali meta wieħed iqabbel il-prezz imqabbel mal-esperjenza.

## 8. MIŻURA 125 – GĦOTI TA' KONKOS FI TRIQ SAN ALESSI

8.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien ġie infurmat li l-MAGF kienet approvat li ssir ir-rikostruzzjoni bil-konkos ta' Triq San Alessi mill-fondi ta' Miżura 125. Hija fakkret li għalkemm l-ammont globali tal-BOQ huwa ta' €12,552.54, il-Kunsill xorta waħda kellu jħallas 10% tas-somma kif ukoll il-VAT (madwar €3000) u l-ispejjeż tal-perizja.

8.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jlaqqa' lill-bdiewa kollha involuti mill-aktar fis possibbli sabiex possibbilment dawn jintalbu jagħmlu donazzjoni lejn din l-ispiża filwaqt li l-Kunsill iħallas għall-perizja. Dan mod speċjali fid-dawl li għalkemm it-triq tibda fil-lokalità tal-Imtarfa, l-aħħar parti tagħha taqa' mal-lokalità tar-Rabat.

## 9. ILMENTI MRESSQA MIS-SE

9.1 Is-SE għaddiet lista b'numru ta' lmenti sabiex jiġu deċiżi mill-Kunsill.

9.2 Kopja ta' din il-lista bid-deċiżjonijiet li ttieħdu qed tiġi mehmuża.

## 10. PUNTI OĦRA

10.1 Is-SE ressqet kommunikazzjoni min-naħa tal-Avukat Mizzi fir-rigward tal-kawża pendenti mas-Sinjuri Zahra. Hija infurmat li l-Avukati kienu qed jitolbu ħlas addizzjonali

ta' €150 biex jippreparaw risposta b'ċerta riċerka li tieħu ħafna ħin u għaldaqstant ma tistax tiqies bħala parti mir-*retainer*. Il-Kunsill approva.

10.2 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni fejn il-kuntrattur tal-knis u l-kunsill kienu qed jintalbu jagħmlu l-ħlas ta' €438 għall-ħsara fuq *windscreen* ta' vettura li allegatament intlaqtet minn ġebla li taret hekk kif kien qed jaqta' l-ħaxix il-kennies. Is-SE infurmat li kienet tkellmet mal-avukat u dan irrakkomanda li ladarba l-kuntrattur huw obbligat li jkollu insurance, dan għandu jew iħallas hu inkella jħallas il-Kunsill u jitnaqqsulu mill-kontijiet tiegħu. Kien hemm qbil li s-SE għandha tkellem lill-kuntrattur u timxi fuq il-parir tal-avukat.

10.3 Is-SE infurmat li kienet attendiet għal konferenza mtella' mill-MAGF fejn dawn ġentilment kienu taw token lill-Kunsilli kollha li pparteċipaw għall-attività tal-Milied.

10.4 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mill-ANSEK sabiex il-Kunsill jissieħeb magħhom sabiex jibbenefika minn sussidji għal laqgħat u korsijiet għall-impjegati u l-Kunsilliera. Il-Kunsill approva li jħallas is-somma ta' €100 biex jissieħeb.

10.5 Il-Kunsillier Mifsud talab li l-*istickers* li qed jitwaħħlu mal-*bus shelters* jinqalgħu immedjatament mill-ħaddiema tal-Kunsill.

10.6 Is-SE infurmat li l-Ministru Joe Mizzi kien attenda għal-laqgħa hekk kif kien ġie infurmat fejn il-Kunsill preżentalu rapport żgħir b'numru ta' suġġerimenti u lmenti dwar il-lokalità. Fosthom il-Kunsill issuġġerixxa li ssir riġenerazzjoni tal-binja magħrufa bħala 'tal-karnival', saret talba għar-rikostruzzjoni u pjanar mill-ġdid ta' Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello, talba għal dwal fil-*bypass*, ġew mgħoddija xi lmenti u suġġerimenti dwar l-Arriva, saret talba għal devoluzzjoni, talba biex ix-xogħol fuq il-bandli jitkompla bla dewmien kif ukoll talba oħra biex il-*bus shelters* fil-lokalità jinbidlu ma' oħrajn ġodda.

10.7 Il-Kunsillier Bugeja hawnhekk għamel talba sabiex tintbagħat talba għal *bus shelter* fil-*bypass* tal-Imtarfa.

10.8 Il-Kunsillier Mifsud informa li kien attenda għal-laqgħa tas-Sindki fejn kienu ntwerew presentation dwar opninion poll li saret dwar il-Kunsilli Lokali u fost oħrajn iddiskutew xi issues prinċiparjament dwar ir-Reġjuni.

10.9 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar jekk intbagħtitx it-talba għal sinjali doppji sofor għat-trejqa fi Triq l-Imtarfa, is-SE infurmat li kienet għadha ma ntbagħtitx. Il-Kunsillier Fenech talab lis-SE sabiex tkellem ukoll lill-Perit inkarigat sabiex tiġi rranġata l-biċċa tarmak ta' quddiem din it-trejqa minħabba li żżomm l-ilma.

**12. AĠĠORNAMENT**

12.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:05pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |